GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/32*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 32 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta, 21 ta' Diċembru 2010 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Viċi Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba
Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti
### 1. Approvazzjoni
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 31. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi
Għal dawn il-minuti ma tressqux emendi u għalhekk dawn ġew mehuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## III. Materji mill-Minuti
### 1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse
L-aħħar seduta fuq dan l-appell inżammet nhar is-6 ta' Diċembru 2010. Bħala xhieda tressaq is-Sur Laurie Zammit li kien qed jirrappreżenta lill-Kumpanija KIP (Għawdex) Ltd. Fl-istess seduta ntalab jerġa' jagħti x-xhieda s-Segretarju Esekuttiv tal-Kunsill Lokali.
Wara li ntemmet din ix-xhieda, l-Bord iddeċieda li l-appell jgħaddi għat-trattazzjoni. Din kellha ssir billi l-avukat rappreżentant tal-appellant kellu fi żmien xahar jibgħat bil-miktub l-argumenti tiegħu u mbagħad jingħata xahar ieħor żmien biex titressaq ir-risposta mill-Kunsill Lokali.
Wara dan it-tieni xahar, il-Bord jgħaddi għad-deċiżjoni finali li mbagħad tiġi mibgħuta kemm lill-appellant u wkoll lill-Kunsill Lokali.
### 2. Twaqqif tal-Kumitat għall-Enerġija Alternattiva
Dan il-Kumitat kellu jżomm laqgħa mas-Sur Aldo Formosa mill-Meusac f'Għawdex, iżda din il-laqgħa ġiet posposta għal data oħra.

Sadanittant, is-Sindku tkellem ma' uffiċċjali mill-Ministeru għal Għawdex u saru arraġamenti biex fil-bidu tas-sena d-dieħla tinżamm laqgħa ma' l-istess Ministeru biex jiġi diskuss dan is-suġġett.

**3. Tiżjijn tal-Milied**

It-tiżjijn tal-Milied tlesta kif kien miftiehem kemm mal-Kumitat tal-Parroċċa għat-tiżjijn ta' Triq Dun Karma Caruana u ma' Peter Paul Azzopardi biex dan jarma il-pjazza bid-dwal.

**4. Sponsor mid-Ditta Gilette**

Ix-xfafar imwegħda mill-kumpanija Gilette għandhom jintbagħtu fil-bidu ta' Jannar 2011 biex jitqassmu mill-Kunsill.

**5. Proġett b'Fondi mill-EU**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet inżammet laqgħa ma' Transport Malta fuq dan is-suġġett. Din il-laqgħa kienet kordjali ħafna u minn naħa tagħhom T.M. aċċettaw li hemm bżonn urġenti li jsir xi ħaġa fuq il-bini tal-Fanal ta' Ġordan u għalhekk qablu li titressaq l-applikazzjoni biex ningħataw fondi mill-EU permezz ta' l-applikazzjoni li tendiet mill-Ministeru għal Għawdex.

Intant, T.M. bagħtu l-approvazzjoni għal dan il-proġett mingħajr l-ebda oġġezzjoni. Fid-diskussjonijiet li s-Sindku kien żamm ma' T.M., hu kien issuġġerixxa li l-Fanal jibda jinfetah darba fil-ġimgħa filwaqt li ċertu kmamar ikunu magħluqa għall-pubbliku, iżda partijiet oħra mportanti bħalma hi t-tromba jkunu miftuha.

Minn naħa tagħhom T.M. lesti li jikkontribwixxu finanzjarjament fl-ammont ta' €170,000 oħra minbarra s-€70,000 li applikajna għalihom.

Il-proġett se jinqasam f'numru ta' fażijiet. Ir-rapport tal-Perit kien tlesta u tressaq ma' l-applikazzjoni peress illi kull proġett ried ikollu l-permess tal-Mepa u jitlesta il-metodu kif se jsir ix-xogħol. L-applikazzjoni għandha titressaq sa nhar il-Ħamis 23 ta' Diċembur 2010. L-ewwel fażi se tkun li jitlesta l-bini minn barra u l-area ta' madwaru.

T.M. għandhom jiġu Għawdex u jagħmlu laqgħa mal-Kunsill fuq dan il-proġett.

**6. Laqgħa mal-Kunsill Lokali San Lawrenz**

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz bagħat jistieden lil dan il-Kunsill u l-Kunsill Lokali ta' l-Għarb biex nattendu għal laqgħa fejn kellu jiġi diskuss il-possibilta lit kun introdotta mini-bus biex toffri transport lejn ir-Rabat bejn it-tlitt irħula flimkien. Din il-laqgħa nżammet u filwaqt li kien aċċettat mill-partijiet kollha li dan kien ta' benefiċċju għar-residenti tat-tlitt irħula, kien miftiehem li naraw x'permessi jkunu meħtieġa biex dan jitwettaq.

## IV. Korrispondenza

i. Applikazzjonijiet għal permess tal-bini fi Triq Għammar.
ii. Il-MEPA bagħtet tavża li nhar il-Ħamis 2 ta' Diċembru kellha tinżamm laqgħa biex jiġi determinat it-tibdil tal-Pjan Lokali għal Għawdex u Kemmuna.
iii. Il-Moviment ta' Kana bagħat jistieden nominazzjonijiet għall-Premju Familja Qalb tad-Deheb 2010.
iv. L-AKL bagħtet tinforma lill-Kunsilli li kellha tinżamm laqgħa tas-Sindki nhar il-21 u 22 ta' Jannar 2011. Intbagħtu wkoll l-formoli ta' reġistrazzjoni.

## V. Mozzjonijiet

**1. Kuntratt tal-Knist tat-Toroq u Kuntratt tal-Bulky Refuse**

Peress li għad fadal l-appell għaddej fuq dawn iż-żewġ kuntratti, l-Kunsill qabel li dawn ikomplu jinħadmu mill-istess kuntrattur u jiġġeddu xahar b'xahar sakemm il-Kunsill iħoss li għandu jkun terminat il-kuntratt ta' qabel u tinħareġ sejħa mill-ġdid.

**2. Kuntratt tat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi**

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt għandu jerġa jiġġedded b'sena oħra fejn kien ingħata lil Marija Attard wara sejħa pubblika.

**3. *Allowance* tal-Kunsillieri**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Memo's kollha li jirregolaw din l-*allowance*. Għandha tinqata' t-taxxa fuq l-ammonti li ngħataw wkoll f'Ġunju u dan bir-rata ta' 20% fuq it-total.
**4. *Allowance* fl-Onorarja tas-Sindku**
Hawnhekk ukoll tressqet il-Memo li tirregola l-għoti ta' l-arretrati fuq l-Onorarja tas-Sindku u wkoll trid tinqata' t-taxxa bir-rata ta' 20% fuq it-total.
**5. *Performance Bonus* lis-Segretarju Eżekuttiv**
Tressaq dan is-suġġett għad-diskussjoni u deċiżjoni finali quddiem il-Kunsill.
Il-Kunsillieri kollha qablu li jingħata l-*Performance Bonus* u dan fl-ammont ta' 10% tal-paga ta' Diċembru 2010.

**VI Materji Oħra**
**1. Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018**
Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għadu kemm bagħat iċ-Charter dwar is-suġġett t'hawn fuq. Dan il-Kunsill Lokali applika flimkien mal-Kunsilli l-oħra kollha biex aħna wkoll inkunu membri. B'hekk tkun tista' titressaq applikazzjoni waħda biex pajjiżna jkun jista' jospita dan it-titlu fil-2018.
**2. Tiswija ta' Triq tal-Gallina**
Din it-triq tlestiet mix-xogħol ta' tiswija li kellha bżonn isir fuqha.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**
Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tnejn, 31 ta' Jannar 2011 fit-6.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

Andrew Vella
Sindku

Joe Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

Data : ______________